DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

9 ta' Marzu 2022 *

"Rikors għal annullament – Rappreżentanza minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz indipendenti mir-rikorrent – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-727/20,

Nigar Kirimova, residenti f'München (Il-Ġermanja), irrappreżentata minn A. Parassina u A. García López, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn G. Predonzani u A. Söder, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO tat-30 ta' Settembru 2020 li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal deroga mir-rekwiżit ta' ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li fuqha tiddependi l-inklużjoni fil-lista tar-rappreżentanti professjonali minn dan l-uffiċċju,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise, P. Nihoul, R. Frendo (Relatriċi) u J. Martín y Pérez de Nanclares, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Nigar Kirimova, kienet, fiż-żmien tal-fatti, ġurista fi ħdan l-uffiċċju Brandstock Legal Rechtsanwaltgesellschaft mbH (iktar 'il quddiem "Brandstock Legal"). Hija ppreżentat lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), fl-10 ta' Ottubru 2019, talba għall-inklużjoni fil-lista tar-rappreżentanti professjonali quddiem dan l-Uffiċċju konformement mal-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1). Peress li hija ta' nazzjonalità Azerbajġana, hija talbet simultanjament, abbażi tal-paragrafu 4(b) ta' dan l-artikolu, deroga mir-rekwiżit li wieħed għandu jkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) stabbilit fl-Artikolu 120(2)(a) tal-imsemmi regolament (iktar 'il quddiem il-"kundizzjoni ta' nazzjonalità").

2 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Jannar 2020, l-EUIPO informa lir-rikorrenti li t-talba tagħha għal deroga kienet inammissibbli, inkwantu ma kinitx sostnuta mill-provi meħtieġa.

3 Fid-9 u fit-13 ta' Marzu 2020, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha b'risposta għall-ittra tat-30 ta' Jannar preċedenti.

4 Fit-30 ta' Settembru 2020, id-Direttur Eżekuttiv tal-EUIPO ċaħad it-talba għal deroga mill-kundizzjoni ta' nazzjonalità mressqa mir-rikorrenti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

5 Permezz ta' rikors iffirmat minn avukat fl-uffiċċju Brandstock Legal u ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti bdiet din l-azzjoni.

6 Il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, stiednet lir-rikorrenti tindika kull relazzjoni ta' impjieg li hija jista' jkollha mal-avukata tagħha. Ir-rikorrenti rrispondiet għal din it-talba fl-20 ta' Jannar 2021.

7 L-EUIPO ppreżenta r-risposta fil-21 ta' April 2021.

8 Fis-7 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti ppreżentat ir-replika u, fit-23 ta' Lulju 2021, l-EUIPO ppreżenta l-kontroreplika.

9 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2021, b'applikazzjoni tal-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-President tal-Qorti Ġenerali assenja mill-ġdid din il-kawża lil Imħallef Relatur ieħor, bil-għan li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' ġudizzju tal-Qorti Ġenerali u għalhekk fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

10 Fuq proposta tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.

11 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– tibdel id-deċiżjoni kkontestata billi tagħtiha deroga mill-kundizzjoni tan-nazzjonalità abbażi tal-Artikolu 120(4)(b) tar-Regolament 2017/1001;

– tibdel id-deċiżjoni kkontestata billi tordna lill-EUIPO jinkludiha fil-lista tar-rappreżentanti professjonali skont l-Artikolu 120 tar-Regolament 2017/1001;

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

12 L-EUIPO jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

13 Mingħajr ma jqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà permezz ta' att separat abbażi tal-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-EUIPO jeċċepixxi l-inammissibbiltà tar-rikors.

14 L-EUIPO jsostni li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, parti ma hijiex awtorizzata taġixxi hija stess, iżda għandha tuża s-servizzi ta' avukat u li mill-ġurisprudenza jirriżulta li avukat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni huwa terz indipendenti mill-parti li huwa jirrappreżenta ġudizzjarjament, mill-perspettiva strutturali, ġerarkika u funzjonali. Issa, l-avukata li ppreżentat ir-rikors f'isem ir-rikorrenti kienet, fid-data tal-preżentata tar-rikors, avukata fl-istess uffiċċju ta' avukati tar-rikorrenti, kienet teżerċita l-funzjonijiet ta' superjur ġerarkiku tagħha, u għalhekk ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni li wieħed għandu jkun terz indipendenti. Għaldaqstant, ir-rikors huwa vvizzjat b'difett li ma jistax jiġi rregolarizzat u, bħala tali, huwa inammissibbli.

15 Bis-saħħa tal-Artikolu 129 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali tista', f'kull ħin, *ex officio*, u wara li tisma' lill-partijiet, tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat għall-finijiet ta' inammissibbiltà abbażi tal-ordni pubbliku. Fil-każ ineżami, peress li l-Qorti Ġenerali tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-proċess, qiegħda tiddeċiedi li taqta' l-kawża permezz ta' digriet motivat mingħajr ma tkompli bil-proċedura.

16 Għandu jitfakkar li, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-Qorti Ġenerali bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-imsemmi Statut, jipprovdi li l-partijiet minbarra l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-Istati partijiet għall-Ftehim dwar iż-ŻEE u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, imsemmija fl-imsemmi ftehim, għandhom ikunu rrappreżentati minn avukat. Ir-raba' paragrafu jipprevedi li avukat, li jkun awtorizzat sabiex jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-ŻEE, biss jista' jirrappreżenta jew jassisti parti quddiem il-qrati tal-Unjoni.

17 Fir-rigward tal-kunċett ta' avukat, għandu jiġi osservat li, fl-assenza ta' riferiment mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, dan għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi fl-Unjoni kollha, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll il-kuntest u l-għan tagħha (ara s-sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Skont ġurisprudenza stabbilita, mill-kliem tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li, għall-finijiet tal-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, parti, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, għandha tuża s-servizzi ta' terz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 L-għan tar-rekwiżit ta' rappreżentanza legali minn terz jikkorrispondi għall-kunċett tar-rwol tal-avukat, li jintervjeni fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u fuq kollox sabiex jipproteġi u jiddefendi bl-aħjar mod l-interessi tal-mandant tiegħu, b'indipendenza sħiħa kif ukoll fl-osservanza tal-liġi u tar-regoli tal-kondotta professjonali u etiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punti 61 u 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Il-kwistjoni tal-indipendenza tal-avukat għandha tiġi evalwata fir-rigward tad-dritt ta' kull persuna għal rimedju effettiv quddiem qorti u tad-dritt li tingħata parir, difiża u rappreżentanza, iggarantiti mill-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punti 78 u 104). F'dan ir-rigward, għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rappreżentanza ġudizzjarja teżiġi relazzjoni ta' fiduċja bbażata fuq għażla privata u ta' natura kuntrattwali, fejn il-parti fil-kawża tkun libera tagħżel lill-avukat tagħha, u dan bħala prinċipju jkun liberu jagħżel lill-klijenti tiegħu (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punt 111).

21 Għaldaqstant, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rwol li għandu l-avukat fil-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-interessi tal-mandant tiegħu (ara l-punt 19 iktar 'il fuq) u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kull interferenza fir-relazzjoni bejnu u l-klijent tiegħu għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet serji li jikkaratterizzaw neċessità manifesta u imperattiva li "jiġi protett ir-rikorrent mill-avukat tiegħu" (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punt 111). Konsegwentement, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-indipendenza tal-avukat tinftiehem bħala l-assenza, mhux ta' kwalunkwe rabta mal-klijent tiegħu, iżda l-assenza ta' rabtiet li manifestament jippreġudikaw il-kapaċità tiegħu li jiżgura l-missjoni ta' difiża tiegħu billi jservi bl-aħjar mod l-interessi tiegħu (sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punti 64 u 67).

22 Fid-dawl tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-ġurisprudenza bbażata fuqu u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, peress li l-possibbiltà għall-qorti tal-Unjoni li tiċħad ir-rikorsi bħala inammissibbli hija għalhekk limitata biss għall-każijiet ta' assenza manifesta ta' indipendenza tal-avukat, minn dan jirriżulta, *a contrario*, li l-kompetenza sabiex isolvu d-diffikultajiet l-oħra kollha li jirriżultaw minn kunflitti jew minn konfużjoni ta' interessi tappartjeni, bħala prinċipju, lill-awtoritajiet nazzjonali li

għandhom is-setgħa għal dan il-għan, b'mod partikolari dawk li għandhom il-kompetenzi relatati mal-kodiċi tal-kondotta u ma' kwistjonijiet dixxiplinari, peress li l-qorti tal-Unjoni tista' tintervjeni biss b'mod eċċezzjonali.

23 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett sabiex ir-regoli ġenerali ma jitneħħilhomx is-sens tagħhom (ara, is-sentenza tat-22 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-346/08, EU:C:2010:213, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Minn dan isegwi li l-każijiet ta' natura li jipprekludu lill-avukat milli jirrappreżenta lill-mandant tiegħu għandhom ikunu ta' natura u ta' grad tali li jkun jidher b'mod evidenti li l-avukat, minkejja li jkun formalment terz fil-konfront tar-rikorrent, ikollu rabtiet ekonomiċi jew personali jew mat-tilwima, jew ma' waħda mill-partijiet, li jqiegħdu f'dubju l-indipendenza vera tiegħu (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punt 137). Fi kliem ieħor, dawn ir-rabtiet għandhom jikkostitwixxu raġunijiet serji li jwasslu sabiex jitqies li l-avukat ma huwiex suffiċjentement distanti sabiex jipproteġi u jiddefendi bl-aħjar mod l-interessi tal-klijent tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punti 61 u 62).

25 F'dan ir-rigward, sabiex jiġi żgurat li l-avukat ikollu verament il-kwalità ta' terz indipendenti, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-ambjent professjonali li fih ikun jaħdem meta l-kawża titressaq quddiem il-qorti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej u Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, C-422/11 P u C-423/11 P, EU:C:2012:553, punt 25).

26 Għaldaqstant, ir-rappreżentanza tar-rikorrent minn persuna li tkun impjegata tiegħu jew li tkun finanzjarjament dipendenti fuqu ma tistax tissodisfa r-rekwiżit ta' rappreżentanza minn terz indipendenti (digriet tal-5 ta' Settembru 2013, ClientEarth vs Il-Kunsill, C-573/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2013:564, punt 13).

27 Madankollu, in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' indipendenza tal-avukat tista' tiġi kkonstatata f'varjetà kbira ta' sitwazzjonijiet fattwali oħrajn li għandhom, għaldaqstant, jiġu eżaminati każ b'każ (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-20 ta' Novembru 2017, BikeWorld vs Il-Kummissjoni, T-702/15, EU:T:2017:834, punt 35, u l-konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punt 64).

28 Għaldaqstant, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sempliċi rabta li tirriżulta minn kuntratt irregolat mid-dritt ċivili dwar dmirijiet ta' tagħlim kienet insuffiċjenti sabiex iċċaħħad lill-għalliem inkwistjoni l-kapaċità li jirrappreżenta lill-Università tiegħu bħala avukat (sentenza tal-4 ta' Frar 2020, Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2020:73, punti 66 sa 68). Madankollu, it-tilwima kienet tirrigwarda f'dak il-każ ix-xoljiment ta' ftehim bejn l-Università rikorrenti u l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) dwar is-sussidju ta' proġett ta' riċerka Cossar (Cooperative Spectrum Sensing Algorithms for Cognitive Radio Networks) li ma kien jikkonċerna bl-ebda mod il-kuntest professjonali tar-rappreżentant tagħha, li kien jikkonsisti biss f'li jgħallem id-dritt internazzjonali privat. Fi kliem ieħor, it-tilwima ma kellha ebda rabta max-xogħol tal-avukat fi ħdan il-mandant tiegħu.

29 Filwaqt li wriet id-diversità tal-każijiet li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, madankollu, li l-avukat li jkollu kompetenzi amministrattivi kbar fi ħdan il-persuna ġuridika li jirrappreżenta jew li jokkupa karigi għolja ta' tmexxija fi ħdanha ma huwiex suffiċjentement indipendenti minn dik il-persuna ġuridika (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tad-29 ta' Settembru 2010, EREF vs Il-Kummissjoni, C-74/10 P u C-75/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2010:557, punti 50 u 51, u tas-6 ta' April 2017, PITEE vs Il-Kummissjoni, C-464/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:291, punt 25).

30 Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali qieset li ż-żamma ta' 10 % tal-kapital tal-kumpannija rikorrenti tipprekludi lill-avukat milli jissodisfa l-kundizzjoni li jkollu l-kwalità ta' terz indipendenti fil-konfront tagħha (digriet tal-20 ta' Novembru 2017, BikeWorld vs Il-Kummissjoni, T-702/15, EU:T:2017:834, punti 37, 38, 40 u 41; konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Uniwersytet Wrocławski u Il-Polonja vs REA, C-515/17 P u C-561/17 P, EU:C:2019:774, punt 43), u dan fl-assenza stess ta' kull rabta ta' subordinazzjoni li tirriżulta minn kuntratt ta' xogħol bejniethom.

31 Għal darba oħra bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-avukati impjegati, mhux mill-parti li huma kienu jirrappreżentaw, iżda minn entità li kienet marbuta magħha, ma kinux josservaw ir-rekwiżit ta' indipendenza inkwantu, anki jekk dawn iż-żewġ entitajiet kienu formalment separati, l-interessi tagħhom kienu fil-biċċa l-kbira komuni (sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej u Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, C-422/11 P u C-423/11 P, EU:C:2012:553, punt 25).

32 Fil-każ ineżami, mill-proċess jirriżulta li r-rikorrenti kienet tokkupa, fid-data tal-preżentata tar-rikors, impjieg ta' ġurista fi ħdan l-uffiċċju Brandstock Legal u li A. Parassina, avukata firmatarja tar-rikors, kienet avukata fl-istess uffiċċju. B'mod iktar preċiż, ir-rikorrenti kienet tifforma parti wkoll mit-tim li din kienet tmexxi u kienet l-assistenta tagħha.

33 Minn dan isegwi li r-rikorrenti u l-avukata tagħha kellhom relazzjonijiet professjonali partikolarment mill-qrib.

34 Barra minn hekk, ma jistgħux jiġu aċċettati l-affermazzjonijiet kuntrarji pprovduti mir-rikorrenti fir-risposti tagħha għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura msemmija fil-punt 6 iktar 'il fuq, jiġifieri wara li l-attenzjoni tagħha nġibdet fuq il-problema li setgħet tqajjem ir-rappreżentanza tagħha, li skonthom ma teżisti l-ebda rabta ta' dipendenza strutturali jew funzjonali, peress li r-relazzjoni tagħhom hija ta' natura orizzontali u mhux vertikali, u li huma saħansitra jagħmlu parti minn żewġ strutturi tal-organizzazzjoni distinti.

35 Barra minn hekk, ir-rabtiet bejn ir-rikorrenti u A. Parassina kienu iktar u iktar stretti peress li din il-kawża tikkonċerna direttament il-professjoni tar-rikorrenti, professjoni li hija kienet teżerċita, fid-data tal-preżentata tar-rikors, fi ħdan l-istess uffiċċju ta' A. Parassina u taħt id-direzzjoni tagħha. Fil-fatt, ir-rikors għandu bħala suġġett ir-rifjut li tingħata deroga lir-rikorrenti, li mingħajrha hija ma tistax tikseb awtorizzazzjoni bħala rappreżentant ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi quddiem l-EUIPO. Issa, ix-xogħol tagħha fi ħdan Brandstock Legal u fi ħdan it-tim immexxi minn A. Parassina kien jikkonsisti preċiżament fl-ipproċessar ta' fajls tal-proprjetà intellettwali.

36 Għandu jiġi rrilevat ukoll, f'dan ir-rigward, li r-rikorrenti ressqet it-talba tagħha għal inklużjoni fil-lista tar-rappreżentanti professjonali quddiem l-EUIPO u t-talba tagħha għal deroga mill-kundizzjoni tan-nazzjonalità mill-faks tal-persuna li kienet timpjegaha u li, għalkemm hija

semmiet indirizzi postali u elettroniċi privati f'dawn iż-żewġ talbiet, hija indikat ukoll l-indirizz tal-posta elettronika professjonali tagħha. Kien ukoll mill-istess faks li r-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha b'risposta għall-ittra tat-30 ta' Jannar 2020, fid-9 u fit-13 ta' Marzu ta' wara.

37 Mill-atti tal-proċess u mill-osservazzjonijiet bil-miktub jirriżulta wkoll li Brandstock Legal, b'mod ġenerali, u A. Parassina, b'mod partikolari, semmew b'mod repetut l-interess tagħhom fit-talba indirizzata mir-rikorrenti lill-EUIPO u fis-soluzzjoni tat-tilwima.

38 L-ewwel, ittra ta' rakkomandazzjoni bid-data tas-6 ta' Marzu 2020, iffirmata mill-avukata tar-rikorrenti taħt il-patroċinju u f'isem Brandstock Legal, ġiet redatta għall-ħtiġijiet tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO, insostenn tat-talba għal eżami mill-ġdid tad-9 ta' Marzu 2020, u annessa ma' din it-talba. F'din l-ittra, l-avukata tar-rikorrenti enfasizzat il-kontribut sinjifikattiv li din tal-aħħar kienet tagħti għax-xogħol tal-uffiċċju u kienet tispiċċa billi tindika li "aħna nkunu ferm rikonoxxenti jekk [hija] tiġi approvata bħala rappreżentanta professjonali" mill-EUIPO.

39 It-tieni, kif josserva l-EUIPO, ir-rikors isemmi li Brandstock Legal, li l-attività tagħha, skont ir-rikorrenti, hija esklużivament iddedikata għat-trade marks u għall-proprjetà intellettwali, "tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mar-reġistrazzjoni [tagħha] fir-reġistru Irlandiż [tat-trade marks], peress li huwa wkoll fl-interess [tal-uffiċċju] li l-klassifikazzjoni formali tar-rikorrenti tirrifletti korrettament is-sustanza tax-xogħol tagħha".

40 It-tielet, ir-rikors jindika li "ir-rikorrenti hija rrappreżentata minn A. Parassina stess, għaliex bħala superviżur, hija taf aħjar minn ħadd ieħor li r-rikorrenti hija ferm ikkwalifikata". Sabiex juri dan l-argument, ir-rikors jippreċiża li "fid-diversi sejħiet għal offerti intiżi sabiex jikseb klijenti ġodda, it-tim Brandstock [Legal] jipprovdi 'organigrammi' li jindikaw it-tim inkarigat biex jaħdem fuq il-portafolli, li fihom ir-rikorrenti hija ppreżentata bħala waħda mill-membri l-iktar antiki u l-iktar esperjenzati tat-tim inkarigat b' li jippromwovi [l-uffiċċju]".

41 Ir-raba', ir-rikors isemmi li "r-rikorrenti ġiet assenjata għall-portafoll speċifiku [ta'] klijent […] fid-dawl tat-talbiet [tiegħu], tal-portafoll voluminuż tiegħu u tal-importanza tiegħu għal Brandstock Legal, peress li hija waħda mill-aqwa u mill-iktar impjegati kompetenti użati mill-uffiċċju".

42 Il-ħames, ir-rikors jenfasizza espliċitament li "l-inklużjoni tar-rikorrenti fil-lista tar-rappreżentanti professjonali tal-EUIPO hija […] importanti għall-[uffiċċju] u għat-tim", b'mod li "d-deċiżjoni kkontestata tikkawża preġudizzju mhux biss lir-rikorrenti, iżda wkoll [lill-imsemmi uffiċċju]".

43 Minn naħa, minn tali provi jirriżulta b'mod ċar li l-uffiċċju Brandstock Legal, li tiegħu A. Parassina kienet tmexxi dipartiment, kellu, fid-data tal-preżentata tar-rikors, interess dirett fis-soluzzjoni tat-tilwima. Min-naħa l-oħra, minn dan jirriżulta wkoll li ma jistax jingħata kreditu lill-affermazzjonijiet tar-rikorrenti, li jidhru fir-replika, li jgħidu li A. Parassina tirrappreżentaha biss bħala ħabiba u li Brandstock Legal ma għandhiex interess partikolari li hija tiġi rreġistrata bħala aġent fil-qasam tat-trade marks.

44 Huwa minnu li r-rikorrenti tallega li hija ma kellhiex bżonn l-inklużjoni fil-lista tar-rappreżentanti professjonali quddiem l-EUIPO sabiex iżżomm l-impjieg tagħha.

45 Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li, fir-rigward, minn naħa, tal-ambjent professjonali li jikkaratterizza din il-kawża, jiġifieri l-eżistenza ta' relazzjonijiet stretti bejn ir-rikorrenti, ir-rappreżentanta tagħha u Brandstock Legal, u fid-dawl, min-naħa l-oħra, tal-konverġenza profonda, u espliċita, ta' interessi ekonomiċi tal-protagonisti, A. Parassina evidentement ma kinitx, fid-data tal-preżentata tar-rikors, suffiċjentement distanti sabiex tipproteġi u tiddefendi bl-aħjar mod l-interessi tal-klijenta tagħha u għaldaqstant kienet f'sitwazzjoni li manifestament tippreġudika l-kapaċità tagħha li twettaq din il-missjoni (ara l-punti 19 u 21 u 24 iktar 'il fuq).

46 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li A. Parassina ma setgħatx titqies bħala terz indipendenti u, għaldaqstant, tippreżenta ruħha bħala "avukat" terz indipendenti, fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

47 Barra minn hekk, ir-rabta partikolari li kienet tgħaqqad lil Brandstock Legal u A. Parassina mar-rikorrenti u li kienet tqajjem l-interess speċifiku tagħhom fil-kawża ċertament intemmet, wara l-preżentata tar-rikors, minħabba l-fatt li din tal-aħħar għażlet li tkompli l-karriera tagħha bħala konsulent fil-qasam tat-trade marks fis-sede Ġermaniża ta' kumpannija internazzjonali, u huwa wkoll minnu li r-rikorrenti hija issa assistita minn avukat ieħor, estern għall-uffiċċju Brandstock Legal. Madankollu, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-ammissibbiltà ta' rikors għandha tiġi evalwata b'riferiment għas-sitwazzjoni fil-mument li fih jiġi ppreżentat ir-rikors (ara d-digriet tas-16 ta' Jannar 2020, Hemp Foods Australia vs EUIPO – Cabrejos (Sativa), T-128/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:3, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata) u, min-naħa l-oħra, li r-rekwiżit dwar il-firma minn avukat awtorizzat sabiex jipprattika quddiem qorti ta' Stat Membru jew ta' Stat ieħor li huwa parti għall-Ftehim ŻEE jikkostitwixxi kundizzjoni formali essenzjali li, skont l-Artikolu 78(6) tar-Regoli tal-Proċedura, ma jinsabx fost in-numru ta' rekwiżiti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' regolarizzazzjoni wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors (ara, b'analoġija, id-digrieti tal-5 ta' Settembru 2013, ClientEarth vs Il-Kunsill, C-573/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2013:564, punti 22 u 23, u tas-17 ta' Lulju 2014, Brown Brothers Harriman vs UASI, C-101/14 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2115, punt 21).

48 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi konkluż li r-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

49 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

50 Peress li fil-każ ineżami r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-EUIPO, skont it-talbiet ta' dan tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

tordna:

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) **Nigar Kirimova hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).**

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Marzu 2022.

Ir-Reġistratur
E. Coulon

Il-President
S. Gervasoni